

## PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI TIEGĦEK

Dikjarazzjoni ta' privatezza li tikkonċerna l-ipproċessar ta' *data* personali fil-qafas tal-ġestjoni tal-ilmenti skont il-Kodiċi ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba.

Werrej

1. Introduzzjoni
2. Għaliex u kif nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?
3. Fuq liema bażi(jiet) ġuridika/ċi nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?
4. Liema *data* personali niġbru u nkomplu nipproċessaw?
5. Għal kemm żmien tinżamm id-*data* personali tiegħek?
6. Kif inħarsu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?
7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi żvelata?
8. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?
9. Informazzjoni ta' kuntatt
10. Fejn tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata?

### 1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni") hija impenjata li tiproteġi d-*data* personali tiegħek u li tirrispetta l-privatezza tiegħek. Il-Kummissjoni tiġbor id-*data* personali u din tkun soġġetta għall-ipproċessar ulterjuri skont ir-[Regolament \(UE\) 2018/1725](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001).

Din id-dikjarazzjoni ta' privatezza tispjega r-raġuni għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, il-mod kif niġbru, nittrattaw u niżguraw il-protezzjoni tad-*data* personali kollha pprovduta, kif dik l-informazzjoni tintuża u liema drittijiet għandek fir-rigward tad-*data* personali tiegħek. Hija tispeċifika wkoll id-dettalji ta' kuntatt tal-Kontrollur tad-*Data* responsabbli li miegħu tkun tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

Din l-istqarrija ta' privatezza tikkonċerna l-operazzjoni ta' pproċessar "Maniġġar ta' lmenti skont il-Kodiċi ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba applikabbli għall-persunal tal-Kummissjoni Ewropea fir-relazzjonijiet tagħha mal-pubbliku" imwettqa mis-Segretarjat Ġenerali, Unità C2 ("Etika, Amministrazzjoni Tajba u Relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew") (minn hawn 'il quddiem, il-kontrollur tad-*data* korporattiva) u servizzi oħra tal-Kummissjoni Ewropea li jittrattaw ilmenti bħal dawn (DĠ linja/kontrolluri tad-*data* tas-servizz għal ilmenti speċifiċi).

## **2. Għaliex u kif nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?**

Il-finijiet tal-operazzjoni tal-ipproċessar:

Il-kontrollur tad-*data* jiġbor u juża l-informazzjoni personali tiegħek sabiex jittratta l-ilmenti li intom (bħala membri tal-pubbliku) stajtu ppreżentajtu skont il-punt 6 tal-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba — Relazzjonijiet mal-pubbliku.

Il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Kodiċi tagħha ta' Mġiba Amministrattiva Tajba għall-persunal tal-Kummissjoni Ewropea fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2000 li temenda r-regoli ta' proċeduri tagħha<sup>1</sup>. Dan jistabbilixxi prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba, u linji gwida għaliha, u jipprovdi l-possibbiltà li l-membri tal-pubbliku jippreżentaw ilmenti dwar ksur tal-prinċipji stabbiliti fil-Kodiċi li possibbilment seta' twettaq mill-membri tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea.

Skont il-punt 6 tal-Kodiċi, tali ilmenti jistgħu jiġu ppreżentati direttament lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, li jgħaddihom lid-dipartiment rilevanti.

Skont ir-regoli tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tad-dokumenti, id-dokumenti kollha riċevuti jew imfassla mill-Kummissjoni Ewropea li jissodisfaw il-kriterji ta' reġistrazzjoni huma rreġistrati fis-sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti tal-Kummissjoni ARES (għal aktar informazzjoni dwar is-sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti tal-Kummissjoni jekk jogħġbok irreferi għall-operazzjoni tal-ipproċessar "Ġestjoni u preservazzjoni (fuq perjodu ta' żmien qasir u medju) tad-dokumenti tal-Kummissjoni, numru ta' referenza: [DPR-EC-00536](#)).

Id-*data* personali pproċessata tista' terġa' tintuża għall-finijiet ta' proċeduri quddiem il-Qrati tal-UE, il-qrati nazzjonali, l-Ombudsman Ewropew jew il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Id-*data* personali tiegħek mhix se tintuża għat-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, inkluż għat-tfassil tal-profil.

## **3. Fuq liema bażi(jiet) ġuridika/ċi nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?**

Ir-raġunijiet ġuridiki għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek huma l-Artikolu 5(1)(a) (l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku) u 5(1)(b) (l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-konformità ma' obbligu legali li għalih huwa soġġett il-kontrollur) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma d-dritt tal-Unjoni li fuqha huwa bbażat l-ipproċessar imsemmi hawn fuq: L-Artikoli 15(1) ('governanza tajba') u 298 ('amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti') tat-TFUE u l-Artikolu 41 tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali ('Id-Dritt għal amministrazzjoni tajba'), kif ukoll il-punt 6 tal-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba għall-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea fir-Relazzjonijiet tagħhom mal-Pubbliku tat-13 ta' Settembru 2000<sup>2</sup>.

Barra minn hekk, l-ipproċessar ta' kwalunkwe *data* personali fakultattiva pprovduta minn ilmentatur li ma tkunx strettament meħtieġa għat-trattament ta' lment (ara l-intestatura 4 hawn taħt) huwa bbażat fuq il-kunsens tal-ilmentatur f'konformità mal-Artikolu 5(1)(d), u fejn applikabbli l-Artikolu 10(2)(a), tar-Regolament (UE) 2018/1725.

---

<sup>1</sup> Il-Ġurnal Uffiċjali L 267 tal-20 ta' Ottubru 2000, p. 63.

<sup>2</sup> Ibid.

#### 4. Liema *data* personali niġbru u nipproċessaw aktar?

L-ismijiet u possibbilment id-dettalji ta' kuntatt professjonali tal-membri tal-persunal tal-Kummissjoni li jitrattaw l-ilmenti u/jew li għandhom is-setgħa li japprovaw u jibagħtu tweġibiet lill-ilmentaturi f'isem il-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-ilmentaturi, id-*data* personali li ġejja hija obbligatorja:

- l-isem u l-kunjom;
- l-indirizz postali.

Id-*data* personali tal-ilmentatur li ġejja mhix obbligatorja:

- telefon u numru tal-mowbajl;
- in-numru tal-faks;
- l-indirizz elettroniku;
- informazzjoni f'isem min jiġi ppreżentat l-ilment (jekk applikabbli).

Barra minn hekk, (id-deskrizzjoni tal-ilment innifsu) u d-dokumenti ta' sostenn ipprovduti mill-ilmentatur fuq inizjattiva tiegħu stess jista' jkun fihom tipi differenti ta' *data* personali (inkluż f'xi każijiet kategoriji speċjali ta' *data* personali skont it-tifsira tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament 2018/1725), li għalihom l-ilmentatur jaqbel b'mod espliċitu mal-ipproċessar meta jissottometti l-formola tal-ilmenti.

#### 5. Għal kemm żmien tinżamm id-*data* personali tiegħek?

Skont il-lista komuni ta' ritenzjoni fil-livell ta' Kummissjoni għall-fajls tal-Kummissjoni Ewropea<sup>3</sup>, id-*data* personali tista' tinżamm fil-fajls tas-Segretarjat Ġenerali għal perjodu massimu ta' tliet snin wara l-għeluq tal-fajl relatat mal-ilment tiegħek.

Kif previst fil-lista komuni ta' ritenzjoni fil-livell tal-Kummissjoni, il-fajls (u d-*data* personali li tinsab fihom) jistgħu sussegwentement jiġu ttrasferiti fl-Arkivji Storiċi tal-Kummissjoni Ewropea għal finijiet storiċi (għal aktar informazzjoni dwar l-ipproċessar tal-Kummissjoni għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku, jekk jogħġbok ara r-rekord tal-ipproċessar DPR-EC-00837 Ġestjoni u l-preservazzjoni fit-tul tal-Arkivji tal-Kummissjoni Ewropea).

#### 6. Kif inħarsu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?

Id-*data* kollha f'format elettroniku (posta elettronika, dokumenti, lottijiet ta' *data* mtellgħa f'servers, eċċ.) jinħażnu jew fuq is-servers tal-Kummissjoni Ewropea jew fuq dawk tal-kuntratturi tagħha; li l-operaturi tagħhom jissodisfaw id-[Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE, Euratom\) 2017/46](#) tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea;

Il-kuntratturi tal-Kummissjoni huma marbuta bi klawżola kuntrattwali speċifika għal kwalunkwe operazzjoni tal-ipproċessar tad-*data* tiegħek f'isem il-Kummissjoni, u bl-obbligi ta' kunfidenzjalità li

---

<sup>3</sup> [SEC\(2022\)400](#)

jirriżultaw mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data fl-Istati Membri tal-UE (il-"GDPR", [ir-Regolament \(UE\) 2016/679](#))

Sabiex tiproteġi d-*data* personali tiegħek, il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ għadd ta' miżuri tekniċi u organizzazzjonali. Il-miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet xierqa li jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju ta' telf tad-*data*, it-tibdil tad-*data* jew l-aċċess mhux awtorizzat, filwaqt li jitqies ir-riskju ppreżentat mill-ipproċessar u n-natura tad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata. Il-miżuri organizzattivi jinkludu r-restrizzjoni tal-aċċess għad-*data* personali biss għal persuni awtorizzati bi ħtieġa leġittima ta' tagħrif għall-finijiet ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar.

## **7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi żvelata?**

L-aċċess għad-*data* personali tiegħek huwa pprovdut lill-persunal tal-Kummissjoni responsabbli mit-tweqqif ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar u lill-persunal awtorizzat skont il-prinċipju tal-“ħtieġa ta' tagħrif”. Tali persunal jimxi ma' ftehimiet ta' kunfidenzjalità statutorji, u fejn meħtieġ, ma' ftehimiet addizzjonali ta' kunfidenzjalità. Il-membri tal-persunal ikkonċernat huma dawk maħtura fl-unità tal-kontrollur tad-*data* orizzontali kif ukoll is-superjuri tagħhom fil-ġerarkija skont kif xieraq, kif ukoll, meta applikabbli, il-persunal, f'Dipartimenti oħra tal-Kummissjoni Ewropea, li jkunu milquta mill-ilment u, fejn xieraq, il-persunal fis-Servizz Ġuridiku. Il-President tal-Kummissjoni Ewropea u l-Membri tal-Kummissjoni Ewropea sal-punt li fih ikunu milquta mill-ilment, flimkien mal-Kabinetti rispettivi tagħhom, jistgħu wkoll jiksbu aċċess għad-*data* personali tiegħek fejn meħtieġ għall-finijiet ta' pproċessar tal-ilment tiegħek.

L-informazzjoni miġbura mhix se tingħata lil xi parti terza, ħlief:

- sal-punt u għall-finijiet li jistgħu jkunu meħtieġa bil-liġi;
- bl-għan li tintbagħhatlek tweġiba tal-Kummissjoni Ewropea permezz tas-servizz tal-posta standard (irreġistrat) tagħha (għal aktar informazzjoni, ara r-rekord korrispondenti tal-ipproċessar DPR-EC-00884 “Traitement du courrier” tal-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika tal-Kummissjoni Ewropea fi Brussell).

Jekk jogħġbok innota li skont il-punt (13) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jirċievu *data* personali fil-qafas ta' inkjesta partikolari f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru ma għandhomx jitqiesu bħala riċevituri. L-ipproċessar ulterjuri ta' dik id-*data* minn dawk l-awtoritajiet pubbliċi għandu jkun f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* skont l-għanijiet tal-ipproċessar.

## **8. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?**

Inti għandek drittijiet speċifiċi bħala “suġġett tad-*data*” skont il-Kapitolu III (l-Artikoli 14-25) tar-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod partikolari d-dritt li taċċessa d-*data* personali tiegħek u li tirranġaha f'każ li d-*data* personali tiegħek ma tkunx eżatta jew ma tkunx kompluta. Taħt ċerti kundizzjonijiet, inti għandek id-dritt li tħassar id-*data* personali tiegħek, li tillimita l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, li toġġezzjona għall-ipproċessar kif ukoll għandek id-dritt għall-portabbiltà tad-*data*.

Għandek id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, li jitwettaq legalment skont l-Artikolu 5(1)(a), għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek.

Sa dak il-punt li fih l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek ikun ibbażat fuq il-kunsens tiegħek (jiġifieri l-ipproċessar ta' *data* personali mhux obligatorja) inti tista' tirtira l-kunsens tiegħek fi

kwalunkwe ħin billi tinnofika lill-Kontrollur tad-Data. L-irtirar mhux se jaffettwa l-legalità tal-ipproċessar imwettaq qabel ma tkun irtirajt il-kunsens.

Inti tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lill-Kontrollur tad-Data, jew f'każ ta' kunflitt lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data. Jekk ikun meħtieġ, tista' tindirizza wkoll lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. L-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom tinsab fl-Intestatura 9 hawn taħt.

Meta inti tkun tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek fil-kuntest ta' operazzjoni ta' pproċessar speċifika waħda jew aktar, fit-talba tiegħek jekk jogħġbok ipprovdvi d-deskrizzjoni tagħhom (jiġifieri r-referenza/i tar-reġistrazzjoni(ijiet) tagħhom kif speċifikat fl-Intestatura 10 hawn taħt).

F'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2018/1725, it-talba tiegħek bħala suġġett tad-data se tiġi ttrattata fi żmien xahar minn meta tasal it-talba. Dak il-perijodu jista' jiġi estiż b' xahrejn oħra fejn meħtieġ, b'kont dovut tal-kumplessità u n-numru ta' talbiet. F'każ bħal dan, inti tiġi infurmat dwar l-estensjoni tal-limitu ta' żmien, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien.

## **9. Informazzjoni ta' kuntatt**

### **- Il-Kontrollur tad-Data (korporattiva)**

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, jew jekk ikollok xi kummenti, mistoqsijiet jew problemi, jew jekk tkun tixtieq tressaq ilment rigward il-ġbir u l-użu tad-data personali tiegħek, ikkuntattja lill-Kontrollur tad-Data (orizzontali), Unità SG.C.2 (Etika, Amministrazzjoni Tajba u Relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew) fi ħdan is-Segretarjat Ġenerali: [SG-UNITE-C2@ec.europa.eu](mailto:SG-UNITE-C2@ec.europa.eu)

### **- L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Kummissjoni (DPO)**

Tista' tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data ([DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu](mailto:DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu)) rigward kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-data personali tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

### **- Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)**

Inti għandek id-dritt tirrikorri (jiġifieri tista' tressaq ilment) għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ([edps@edps.europa.eu](mailto:edps@edps.europa.eu)) jekk jidherlek li nkisru d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 b'riżultat tal-ipproċessar tad-data personali mill-Kontrollur tad-Data.

## **10. Fejn tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata?**

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Kummissjoni (DPO) jippubblika r-reġistru tal-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar mill-Kummissjoni tad-data personali, li jkunu ġew iddokumentati u nnotifikati lilu. Tista' taċċessa r-reġistru bil-link li ġejja: <http://ec.europa.eu/dpo-register>.

Din l-operazzjoni tal-ipproċessar speċifika hija inkluża fir-reġistru pubbliku tal-UPD bir-referenza tar-Rekord li ġejja: *DPR-EC-00086*

\*\*\*\*\*